## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 1194/2021**

***KUMMISSARJU TAT-TAXXI***

***VS.***

***SOL NETWORKS LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, magħmul taħt l-**Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka Għall-Irkupru Ta' Talbiet li Għandhom X'Jaqsmu Ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08)**, u li ġie mressaq mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-6 ta' Diċembru, 2021;

2. Rat in-nota ppreżentata llum waqt is-smigħ tal-**21 ta' Frar, 2022**, iffirmata u moqrija *seduta stante* mill-avukat Ian Vella Galea, li biha ddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed iċedi u jirrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu mressqa fir-rikors għaliex il-kumpannija konvenuta ħallset dak li kellha tagħti lill-awtoritajiet Finlandiżi;

**Għaldaqstant fid-dawl ta' din in-nota ta' ċessjoni u ta' dak imsemmi fl-artikoli 906(1) u 907 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda tieqaf milli tqis aktar**

**dan ir-rikors u b'hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħih minn fuq il-lista tar-rikorsi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**